MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. REFALO JOSEPH S.

Seduta ta' 11 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1631/2002

**Mizzi Limited**

**vs**

**Tony Bezzina**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Lulju, 2002 fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u tmenin lira Maltija (Lm880.00), bilanc ta' zewg (2) kambjali ffirmati u accettati mill-konvenut, kopji ta' liema kambjali jinsabu annessi mal-avviz u mmarkati Dok."1" sa "2", liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux fl-intier taghhom nonostante li l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas;**
**Bl-imghaxijiet mis-26 ta' Lulju, 2001, data ta' l-iskadenzi sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Louis Thompson ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Art.13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmien mija u tmenin lira Maltija (Lm880.00) bl-imghaxijiet legali mis-26 ta' Lulju, 2001, data ta' l-iskadenzi sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**